Il-Belt Victoria

NEWSPAPER POST

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Għawdex

Marzu - April 2008 Nru 161

# L-interċessjoni qawwija ta' San Ġorġ Martri

**Dun Ġużepp Gauci**



Dejjem ktibna u għidna li l-kult ta' San Ġorġ hu meravilja ta' l-istorja ta' kullimkien. Hu kult li nbeda immedjatament mal-martirju tiegħu fit-303, tkompla bla waqfien sa żminijietna u nxtered ma' kullimkien. Xi esperjenzi ta' żminijietna li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-kult jiswew biex aktar nikbru fl-imħabba u fil-qima tagħna lejn San Ġorġ Martri, patrun tagħna.

**L-Albanija**

San Ġorġ, li bl-Albaniż jissejjaħ *Shengjergj*, hu r-raba' fost dawk il-qaddisin li l-aktar jingħataw qima fl-Albanija. Mill-275 knisja Kattolika fl-Albanija msemmija mill-istoriku Cordignano, dsatax kienu

*Ikompli f'paġn*

University of Malta,
Msida,
Malta.

## Dun Fabio Attard SDB fdat bil-ħidma Salesjana maż-żgħażagħ

"Naċċetta bl-umiltà kollha", stqarr Dun Fabio Attard, il-kunsillier il-ġdid għall-Pastorali maż-Żgħażagħ tas-Soċjetà Salesjana meta wieġeb għall-mistoqsija tal-president ta' l-assemblea kapitulari tal-Kongregazzjoni tas-Salesjani ta' Don Bosco li ltaqgħet dan l-aħħar f'Ruma. Kien ir-rettur ġenerali tas-Salesjani Dun Pascual Chávez Villanueva li ħabbar kif il-Ħamis 27 ta' Marzu 2008 wara nofsinhar, Dun Fabio, kunsillier tad-delegazzjoni ispettorjali ta' Malta, ġie elett mill-ewwel mill-membri tal-kapitlu ġenerali biex jieħu post Dun Antonio Domenech, li kellu jwarrab mill-kariga minħabba raġunijiet ta' saħħa.



F'kummenti li tana fuq il-kariga ġdida tiegħu, Dun Fabio qal li issa jeħtieġ iktar minn qatt qabel it-talb ta' kulħadd biex iħalli lill-Mulej jaħdem fih. "Ġejt imsejjaħ insegwi settur ferm fundamentali għall-missjoni tagħna, settur li hu r-ruħ tal-Kongregazzjoni. Jiena ċert li l-Mulej sa jkompli jaħdem permezz tal-ġenerożità ta' tant Salesjani mxerrdin mad-dinja b'sens qawwi ta' dedikazzjoni u sagrifiċċju. Xogħli hu li nimxi magħhom, ninkuraġġihom, magħhom nirrifletti u flimkien nipproġettaw u nwettqu dak li m żmien għal żmien il-Mulej ikun qed jitlob minna".

Dun Fabio Attard twieled il-belt Victoria, Għawdex, 23 ta' Marzu 1959 u tgħammed fil-parroċċa tal-Qalb Ġesù, il-Fontana, l-għada l-24 ta' Marzu, mill-kappillan Dun Nikol Ġ. Cauchi, li mbagħad sar isqof ta' Għawdex. Beda l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex bejn l-1975 u l-1978 sakemm ingħaqad mal-Kongregazzjoni ta' San Franġisk De Sales, jew Salesjani, imwaqqfin minn Don Bosco, fejn għamel il-professjoni tiegħu nhar it-8 ta' Settembru 1980, f'Dublin, l-Irlanda, wara li hemm kien għadda wkoll in-novizzjat. Bejn l-1980 u l-1983 kien ukoll għalliem l-ewwel f'*Savio College*, f'Ħad-Dingli, u aktar tard f'*St Patrick's Salesian School*, f'Tas-Sliema. Ġie ordnat djaknu fil-bażilika ta' San Ġorġ fit-12 ta' Lulju 1986, minn idejn l-isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi. L-ordinazzjoni presbiterali saret fl-istess bażilika mill-kardinal Salesjan Josè Castillo Lara, fl-4 ta' Lulju 1987. Hawn ukoll iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni ta' radd il-ħajr.

Wara studji f'Malta, bejn l-1983 u l-1988 studja f'Ruma kemm fl-*Università Pontificia Salesiana*, minfejn ħa l-baċellerat fit-Teoloġija, u kemm fl-*Accademia Alfonsiana*, minfejn kiseb il-liċenzjat fit-Teoloġija Morali. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu bħala saċerdot għamilha f'Tunis,

*Ikompli f'paġna 3, isfel...*



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex.**
Tel: 21 556 377 • Fax: 21 556 981
email: ilbeltvictoria@gmail.com
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali

23-03-2008 **Mikela**, bint Josef Mizzi u Georgianne Cachia

### Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

| | |
|---|---|
| 05-03-2008 | **Carmena Portelli** |
| 17-03-2008 | **Francesco Portelli** |
| 21-03-2008 | **Ġużeppi Cardona** |
| 27-03-2008 | **Grace Scicluna** |
| 10-04-2008 | **Nicholas Attard** |
| 10-04-2008 | **Ġużeppi Zammit** |
| 16-04-2008 | **Anton Zammit** |

## KOMPLU GĦINUNA

Intennu t-talba tagħna għall-għajnuna finanzjarja lil din il-pubblikazzjoni *Il-Belt Victoria*. Bil-kontribuzzjoni tagħkom tkunu tgħinu lill-parroċċa żżomm kuntatt magħkom b'aġġornament ta' tagħrif siewi, artikli ta' interess, u rapurtaġġ b'ritratti tal-ġrajjiet ewlenin fil-komunità parrokkjali tagħna. Kull donazzjoni tista' tintbagħat lill-**Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex**.

• Fl-istess waqt irroddu ħajr lill-benefatturi li diġà għenu bl-għotja ta' flus tagħhom:
Doris u Melania Cassar (Victoria) – €10
Anton Pace (Iklin) – €20
John E. Vella (Ħal Qormi) – €15

## *Nifirħu lil...*

- Dun Fabio Attard SDB, li għadu kemm inħatar mill-assemblea kapitulari tal-Kongregazzjoni tas-Salesjani, Kunsillier għall-Pastorali maż-Żgħażagħ fi ħdan l-istess kongregazzjoni.
- Ħames membri parlamentari Għawdxin, partikularment dawk mill-belt Victoria, li ġew eletti fil-Kamra tad-Deputati fuq it-tlettax-il distrett fl-aħħar elezzjoni ġenerali.

*Nirringrazzjaw lil Joe Attard tar-ritratti li pprovda għal din l-edizzjoni.*

# Editorjal

Il-ħajja fil-parroċċa tkompli għaddejja, u wara l-Ġimgħa Mqaddsa tiġi l-festa liturġika tal-patrun tagħna, San Ġorġ...

Għaddew il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid, li kienu mument importanti ħafna fil-ħajja tal-parroċċa tagħna. Wara n-numri kbar li ħonqu l-knisja għall-funzjonijiet uniċi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-kapaċità organizzattiva li ma setgħetx ma tidhirx f'kull ċelebrazzjoni, kien hemm żgur ix-xewqa profonda tal-poplu tagħna li jduq ftit l-esperjenza tal-ġrajja kbira ta' l-Għid, li tagħti sens lill-ħajja kollha tal-Knisja.

Imiss issa li, fl-istess spirtu ta' l-Għid li fih hi "ingastata", niċċelebraw bil-ferħ il-festa liturġika tal-patrun tagħna, San Ġorġ, li l-Knisja sa mill-qedem tiċċelebra fil-jum tat-23 ta' April. Hi festa li aħna lkoll inkunu nistennew minn kmieni, forsi għax b'xi mod iġġeddilna l-memorji tal-festi l-imgħoddija, imma iktar minn hekk għax iddewwaqna xi ftit mit-togħma bnina tal-festi kbar li jsiru fil-ġimgħa li twassal għat-tielet Ħadd ta' Lulju, u li m'hix 'il bogħod. Ħafna jkunu jistennew April biex jisimgħu l-mużika u l-antifona ta' San Ġorġ, waqt li jieħdu sehem fil-marċ tradizzjonali li jsir mill-banda ċittadina *La Stella* mill-pjazza sal-każin. Imma fuq kollox hi l-festa li fiha niċċelebraw lil Kristu fil-martirju tal-qaddej fidil tiegħu, Ġorġi, li aħna tant inħobbu. Hekk qed nippruvaw nagħmlu din is-sena mill-ġdid permezz tal-velja li ħa ssir lejlet San Ġorġ, fuq il-mudell ta' dik ta' April 2003. Din is-sena hi aktar speċjali għax issejjaħ rikorrenza storika importanti fil-ġrajjiet tal-parroċċa ta' San Ġorġ: il-ħamsin sena minn meta din il-knisja parrokkjali ngħatat it-titlu ta' bażilika minuri fl-1958, li – nippreċiżaw – hu l-ewwel titlu ta' din ix-xorta mogħti lil parroċċa Għawdxija.

Ftit tal-jiem ilu saret ukoll l-amministrazzjoni tas-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil wieħed u ħamsin kandidat. Kienet okkażjoni sabiħa oħra fid-djarju tal-parroċċa tagħna, bħal dejjem mimli b'bosta ċelebrazzjonijiet u attivitajiet oħra, kif stajna naraw miż-żmien impenjattiv tar-Randan, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid. Huwa importanti li sa minn din l-età l-addoloxxenti tagħna jkunu kapaċi jagħżlu t-triq it-tajba li timmaturahom fil-mixja tal-fidi tagħhom. Id-dmir tal-parrini u tal-ġenituri m'hux żgħir u jġorr miegħu responsabbiltà kbira, dik li bil-fatti jgħinuhom ikomplu jkunu xhieda ta' Kristu. Il-parroċċa spiss torganizza attivitajiet u laqgħat biex tfittex tkun ta' dawl, u dan tagħmlu l-aktar permezz tat-tagħlim fiċ-ċentri tad-duttrina tagħha, li m'hux biss tagħrif imma formazzjoni għall-ħajja. Wieħed jinnota b'ċerta dieqa li kulma jmur qed tidħol mentalità fost niesna li tippriferi tħares lejn l-aspett estern u soċjali tal-Konfirmazzjoni milli lejn is-sens veru ta' dan is-sagrament fil-mixja inizjali tal-fidi Kristjana. Għalhekk għandna nżommu quddiem għajnejna dak li l-Griżma tabilħaqq hi: mhux festa tal-familja biex niddandnu b'xi libsa ġdida, imma pjuttost pass ieħor deċiżiv fil-maturazzjoni tal-ħajja tal-fidi tagħna.

F'din il-ħarġa qed noffrulkom iżjed tagħrif siewi mill-ħajja tal-parroċċa ta' San Ġorġ, li jirrifletti d-dinamiżmu tal-komunità parrokkjali li ssawwarha. Napprezzaw l-għajnuna tagħkom u nittamaw li b'dak kollu li ssibu f'kull ħarġa *Il-Belt Victoria* tissokta taqdi l-missjoni oriġinali tagħha!

# *Messaġġ mill-Arċipriet*
# ***Mons. Pawlu Cardona***

cardonapaul@gmail.com



## "Sliem lil din id-dar u lil kulmin jgħammar fiha"

Għeżież parruċċani u qarrejja,

Nixtieq nirringrazzja 'l Alla u nesprimi l-gratitudni tiegħi lilkom għall-mod kif ilqajtuni fi djarkom minn meta bdejt inżur il-familji tagħkom, membri tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, nhar l-Għid il-Kbir (23 ta' Marzu), 'il quddiem. Verament għadni f'nofs triq għaliex it-Tberik jispiċċa nhar il-21 ta' Mejju.

Iż-żjara fil-familji m'hix għajr it-twettiq tax-xewqa ta' Ġesù meta qalilna: "Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu: 'Sliem lil din id-dar'. U jekk fiha jkun hemm minn iħobb is-sliem, jistrieħ is-sliem tagħkom fuqu" (Lq 10:5). Dan hu wieħed mill-impenji prinċipali tagħna r-ragħajja ta' l-erwieħ: li nżuru lill-familji ħalli nwasslulhom il-paċi ta' Kristu.

Għalhekk l-arċipriet ma jistax ma jkollux għal qalbu dan l-impenn li jżur lill-familji li jagħmlu parti mill-parroċċa tiegħu, talinqas darba fis-sena, speċjalment fi żmien l-Għid. Hija okkażjoni pastorali prezzjuża ħafna: okkażjoni sabiex wieħed jiltaqa' u jkun jaf lill-familji u l-membri tagħhom. Hu jiġi biex ibierek lill-familja; għalhekk jeħtieġ li l-membri tal-familja jkunu hemm. Ma nistgħux inbierku d-djar mingħajr il-preżenza ta' dawk li jgħammru fiha.

Għalija, bħala arċipriet ġdid, hija okkażjoni ta' grazzja kbira minħabba li qiegħda sservini biex niltaqa' u nsir naf lil dawk kollha li jilqgħuni għandhom. Iż-żjara tiegħi fil-familja tibda bit-tislima ta' Ġesù, tislima ta' paċi. Il-membri preżenti tal-familja jinġabru lkoll flimkien u xi ħadd minnhom jaqra l-Kelma ta' Alla meħuda mill-ktieb tan-Numri. Dritt wara jsir talb spontanju mill-istess membri preżenti: kbar u żgħar, ġenituri u tfal, nanniet u dawk kollha li jkunu fil-familja. Wara nitlob fuq il-familja u dawk kollha preżenti għal xi waqtiet. Kemm hi ħaġa sabiħa li malli nibda nbierek, kulmin ikun preżenti jeħodni fil-kamra jew fl-ambjent tiegħu!

Għal kulħadd qed insib bejn ħmistax u għoxrin minuta biex ngħid kelma magħhom fil-"kamra ta' ġewwa". Kemm għandna bżonn lil xi ħadd li jismagħna f'isem Kristu, f'isem il-Knisja. Dak kollu li nisma' nqiegħdu f'riġlejn Ġesù fl-Ewkaristija. Hija okkażjoni biex nitlob għal kull familja, għal kull membru tagħha u għal dak kollu li niltaqa' miegħu: ta' ferħ u ta' niket.

Qabel ma noħroġ qed inħallilkom santa bix-xbieha tal-Madonna tal-Fiduċja, fejn hemm impitter Ġesù tarbija li qed jurina l-Qalb Immakulata ta' Marija. Fuq wara ssibu talba għas-saċerdoti, miktuba mill-Qaddej ta' Alla l-isqof Guglielmo Giaquinta. Itolbuha... itolbu għalina s-saċerdoti, itolbu għall-qdusija tagħna. Grazzi.

Il-Mulej iberikkom.

## Dun Fabio Attard SDB fdat bil-ħidma Salesjana maż-żgħażagħ

...*jaqbad minn paġna 1.*

fejn bejn l-1988 u l-1991 ħadem biex twaqqfet preżenza Salesjana fis-subborg tal-belt Tunisina. Lura f'Malta fl-1993 sar rettur ta' l-oratorju tas-Salesjani f'Tas-Sliema u fl-1994 ta' l-iskola *St Patrick's* fejn dam sa l-1996.

Fl-1996 Dun Fabio ġie mitlub ikompli l-istudji tiegħu f'Dublin b'riċerka speċjalizzata fuq it-tema tal-kuxejnza fl-omeliji Anglikani ta' John Henry Newman, fejn fi Frar 1999 iggradwa b'dottorat mill-*Milltown Institute of Philosophy and Theology* tal-Ġiżwiti. Ftit wara ġie msejjaħ ikun professur tat-Teoloġija Morali u Spiritwali fl-*Università Pontificia Salesiana* ta' Ruma.

Dun Fabio kemm-il darba ġie mfittex bħala predikatur ta' bosta rtiri u kelliem f'taħdidiet u konferenzi internazzjonali. Dan barra l-għajnuna li ta f'Ruma f'kors għall-formaturi ta' kandidati għall-ħajja reliġjuża. Fostna mexxa kemm-il darba seminars parrokkjali, eżerċizzi, laqgħat kif ukoll għamel kemm il-priedki tat-Tridu u kemm tal-Paniġierku fil-festa ta' San Ġorġ. Fl-2005, wara x-xewqa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan ta' Malta li l-Knisja tħejji lill-poplu ta' Alla għall-isfidi tal-lum, Dun Fabio waqqaf l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, li tiegħu għadu d-direttur. Hu jgħin ukoll fil-formazzjoni tal-kandidati għas-saċerdozju fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

Fil-kummenti tiegħu Dun Fabio tkellem fuq il-ħtieġa li l-Knisja tisma' dak li għandhom x'jgħidu ż-żgħażagħ. "Iż-żgħażagħ qed isejħulna. M'għandniex il-lussu li taparsi ma smajnihomx. Ma baqax żmien li nħallu rasna fir-ramel. Kristu jinsab fil-vuċi taż-żgħażagħ imwarrba u foqra. Kristu jinsab fil-qalb taż-żgħażagħ imdawrin bil-vojt u bid-dlam. U aħna fejn aħna?", kompla jistaqsi Dun Fabio. "Mitlufin fl-affarijiet bla futur? Mhedijin b'dak li ma għandu l-ebda valur? Jew aħna wkoll lesti li nisimgħu lill-Mulej jibgħatna nkunu, bħal Don Bosco, sinjali ta' tama u ta' mħabba għaż-żgħażagħ illum?". B'ferħ hu esprima magħna li din l-isfida sa tkun opportunità li kemm is-Salesjani u kemm il-Knisja sa jwieġbu għaliha.

Ir-rabta ta' Dun Fabio mal-parroċċa ta' San Ġorġ, li fiha ġie mgħammed u kiber bħala Kristjan, hi waħda sabiħa. Fil-jiem ta' mistrieħ tiegħu dejjem narawh fostna u l-preżenza tiegħu hi dejjem ta' ferħ għalina. Barra minn hekk, missieru Ġorġ kien president tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* bejn l-1983 u l-1987.

# L-interċessjoni qawwija ta' San Ġorġ Martri

*...jaqbad mill-ewwel paġna.*

ddedikati lil San Ġorġ, l-aktar fost il-qaddisin l-oħra kollha, u wara t-tlieta l-oħra: il-verġni Marija, San Nikola u Santa Veneranda li ftit hemm tagħrif fuqha. Fost il-knejjes iddedikati lil San Ġorġ hemm dik ta' Bar (illum fil-Montenegro), Shen Giergi (jew Sveti Djordi), jiġifieri San Ġorġ fuq ix-xmara Buna, Sapa SH, Drisht SH, Kykel SH, Nenshat SH, Toplana SH, Terbun PU, Cakala IA, Nderfana MR li diġà kienet imsemmija fl-1457, Macukull MT, Rec DI, Muhur DI, Berzhita TR, Shengjergj TR, Tujan TR, Todorenj TR, Vidhas EL, Murras EL, Shemill EL, Bena EL u Polis LB.

Kien hemm ukoll knejjes Ortodossi iddedikati lil San Ġorġ f'Berat mis-seklu erbatax, f'Preth-Libofsha FR fl-1776, fi Strum FR fl-1801, f'Korca, f'Vithkuq KO mis-seklu tmintax, f'Shipska KO mis-seklu tmintax, f'Bobostoca KO, f'Nikova GJ, f'Terhlat GJ, f'Vllaho-Goranxi GJ, f'Vanishta GJ mis-seklu tmintax, fi Krane DL, f'Leshnika e Siperme SR fis-sena 1525, f'Dema Sr mis-seklu sbatax, f'Voloteri bejn Nivicebubar u Saranda SR mis-seklu tmintax. Illum hemm ukoll knisja Ortodossa ta' San Ġorġ f'Durres.

Fl-Albanija l-festa ta' San Ġorġ fit-23 ta' April tfakkar il-bidu tas-Sajf, filwaqt li fl-imgħoddi kienet timmarka l-bidu ta' sena ġdida u kellha relazzjoni ma' ħafna drawwiet popolari, l-aktar ma' dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp tat-tfal, ta' l-annimali u ma' l-uċuħ tar-raba'. Fil-Kosovo u l-Maċedonja jum San Ġorġ hu ċċelebrat fis-6 ta' Mejju skond il-kalendarju tal-Lvant, u għandu x'jaqsam ma' l-ikla tal-*flija*, bħal għaġin il-forn forma ta' pizza bil-*yoghurt* imsajjar għal sigħat twal fuq nar tal-faħam. F'Podujeva jinqatgħu frieghi ta' l-għollieq li jitbillu fl-ilma biex jitraxxax fuq it-tfal ħalli jitbiegħdu mill-mard u jikbru f'saħħithom. Fi Presheva t-tfal jinħaslu f'ilma bl-għollieq fih. F'Tetova raħħala li joqogħdu madwar il-muntanji Sharr kienu jaħslu 'l uliedhom f'ilma mix-xmara Vardar li jinġabar lejlet jum San Ġorġ u jitħallat ma' ingredjenti diversi, bħal fjuri ħomor, blanzuni, u oħrajn. L-ilma li fih kienu jaħslu lit-tfal jerġa' jintrema fix-xmara bil-ħsieb li miegħu jarmu dak kollu li seta' jġib ħsara 'l uliedhom. It-tradizzjoni li jaħslu lit-tfal fl-ilma bil-fjuri u blanzuni f'jum San Ġorġ għadha sħiħa sal-lum fil-Kosovo u fil-Maċedonja. Xi fjuri jitqiegħdu wkoll taħt l-imħadda tas-sodda ta' wliedhom. F'Shala r-ragħajja kienu jiġbru ħxejjex aromatiċi u fjuri f'jum San Ġorġ u jitimgħuhom lill-annimali li kienu jiżżejnu bi frieghi mis-siġar u jduru magħhom bl-inċens idaħħan biex jitbiegħdu minn kull mard. Fil-muntanji tat-tramuntana kienu jemmnu li l-fjuri u l-ħxejjex aromatiċi, jekk maqtugħa bejn iż-żewġ festi ta' San Ġorġ, dik tat-23 ta' April u l-oħra tas-6 ta' Mejju, għandhom qawwa speċjali li tfejjaq. Fi Shkrodra t-tfal iżejnu l-bibien ta' djarhom bi frieghi u fjuri maqtugħin qabel is-sebħ ta' jum San Ġorġ biex ibiegħdu d-djar minn kull ħsara. F'Mirdita jingħad li jekk ikun hemm tempesti bir-ragħad bejn il-jumejn ta' San Ġorġ matul is-sajf ma jidhrux sniep.

Jum San Ġorġ fl-Albanija hu magħruf ukoll bħala l-festa taż-żingari u fost il-Musulmani tal-post jissejjaħ *Ruz-i hazir* jew *chidr*. L-Ortodossi ta' Kicnica ta' Reka tan-Nord (fil-Maċedonja) jiċċelebraw ukoll lil San Ġorġ tax-Xitwa (*Sken Gjergj i Dimrit*) fis-9 ta' Diċembru. Ħdejn Besh, fil-muntanji Dajti, fil-grigal ta' Tirana, hemm għar imsemmi għal San Ġorġ u dawk li joqogħdu f'dawk l-inħawi jqisuh post qaddis u jagħmlu diversi pellegrinaġġi lejh, l-aktar f'jum San Ġorġ. Hemm jixegħlu ħafna xemgħat u jħallu xi flus bil-ħsieb li San Ġorġ jinterċedi għalihom fil-ħtiġijiet tagħhom. Dawk li ma jkunux jifilħu jagħmlu dan il-pellegrinaġġ jibagħtu ħwejjiġhom biex jitqiegħdu fl-għar ta' San Ġorġ għal erbgħa u għoxrin siegħa bil-ħsieb li jimtlew bl-ispirtu tal-qaddis u jfiqu malajr.

## Il-Bulgarija

Jum San Ġorġ hu l-akbar festa tradizzjonali tar-Rebbiegħa fil-Bulgarija. Fit-tradizzjonijiet ta' dan il-pajjiż San Ġorġ hu ppreżentat bħala bidwi, hu meqjus bħala patrun ta' l-għelieqi u ta' l-uċuħ tar-raba'. Sal-lum jum San Ġorġ jiġi ċċelebrat b'diversi għana folkloristiku fil-pajjiż kollu.

Tradizzjonalment jum San Ġorġ, li fil-Bulgarija jinżamm fis-6 ta' Mejju, hu ċelebrazzjoni agrikulturali li tħabbar tmiem ir-Rebbiegħa u l-bidu tas-Sajf. Il-bdiewa f'jum San Ġorġ iwaħħlu frieghi tas-siġar, l-aktar dawk li jkunu mimlijin bil-blanzuni, mal-bibien ta' djarhom. In-nisa jitfgħu pjanti aromatiċi fil-bjar bħala awgurju ta' saħħa tajba lil dawk li jgħixu hemm. Illum saret użanza li n-nisa Bulgari f'jum San Ġorġ isajru ħaruf, li bih ikunu jridu juru qima lejn il-qaddis patrun tar-ragħajja u l-imrieħel tagħhom.
Jum San Ġorġ hu wkoll il-jum ta' l-armata Bulgara, li tiċċelebrah b'diversi parati fil-kapitali Sofia. F'dawn il-parati jiġu ppreżentati l-aħjar armi u suldati, bil-ħsieb li jqimu lill-patrun tagħhom u San Ġorġ iħarishom.

## L-Eġittu

Fiċ-ċentru ta' Old Cairo hemm monasteru ta' San Ġorġ (*Deir al-Banat*) li skond tradizzjoni antika ġej mis-seba' jew tmien seklu. Illum f'dan il-monasteru hemm jgħixu madwar tletin jew erbgħin reliġjużi Kopti nisa. Jingħad li l-kappella ddedikata lil San Ġorġ li hemm f'dan il-monasteru kienet palazz ġej minn żmien il-*Mamluk*, li ġie ttrasformat fi knisja fl-erbatax jew ħmistax-il seklu. Hawnhekk tingħata qima speċjali lil ikona ta' San Ġorġ.

Is-sorijiet li jieħdu ħsieb il-kappella joffru lil dawk li jmorru jqimu lil San Ġorġ kullar tal-ħadid b'katina biex jilbsuh ma' għonqhom. Din il-katina li jingħad fiha qawwa mirakuluża hi xi ftit aktar minn erba' metri twila u hi mwaħħla ma' wieħed mill-ħitan tas-santwarju. Normalment il-katina tingħata lin-



nisa, għalkemm anki l-irġiel ifittxu l-interċessjoni ta' San Ġorġ permezz ta' din il-katina. Kulmin jilbes f'għonqu l-kullar tal-ħadid u jbus il-katina bid-devozzjoni, filwaqt li jgħid xi talb, jitqies li hu taħt il-ħarsien setgħani ta' San Ġorġ.

L-oriġni tad-devozzjoni Kopta lejn il-ktajjen ta' San Ġorġ hi tradizzjoni Biżantina. Sa mis-seklu sbatax il-ktajjen ta' San Ġorġ kienu wżati f'dan il-post biex jitfejqu pazjenti b'mard tal-moħħ, b'isteriżmi u anki skiżofreniji ta' kull xorta. Illum ħafna Kopti u anki Musulmani jżuru s-santwarju tal-ktajjen ta' San Ġorġ fil-jiem tal-Ġimgħa u l-Ħadd. Fil-lejl tat-22 ta' April ħafna Griegi mill-Greċja, mil-Lebanon, minn Ċipru u mill-Eġittu jinġabru f'dan il-post biex iqimu lil San Ġorġ u biex, skond tradizzjoni antika li tissemma' wkoll mis-sorijiet Kopti li hemm fil-monasteru, jaraw lil San Ġorġ riekeb iż-żiemel jittajjar mal-koppla tal-knisja l-antika.

Qrib il-monasteru ta' San Ġorġ hemm ukoll il-knisja Griega ta' San Ġorġ, li hi waħda mill-ftit binjiet tondi li għadhom jeżistu fil-Lvant, tant li tissejjaħ ukoll ir-rotunda ta' San Ġorġ. Jingħad li l-Familja Mqaddsa ta' Nazareth fil-ħarba lejn l-Eġittu stkennet f'post li fuqu llum hemm mibnija din il-knisja Griega Ortodossa, li ma' wieħed mill-ħitan tagħha hemm riljiev kbir abjad ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel rebbieħ fuq id-dragun tal-ħażen li jsejjaħ lil dawk li jqimuh għar-rebħa mhux biss fuq il-mard tal-ġisem imma wkoll fuq il-mard spiritwali. Fuq it-*TVM*, fil-programm *Bondi+* tas-27 ta' Diċembru 2005, intwera *feature* fuq dan is-santwarju Ġorġjan.

**L-Indja**

San Ġorġ ta' Puthuppally Valiya Pally hi waħda mill-eqdem u mill-iktar knejjes magħrufin tal-Knisja Malankara Ortodossa. Imdawra minn siġar tal-palm fir-raħal sabiħ u kwiet ta' Puthupally, xi tmien kilometri mill-belt ta' Kottayam fir-reġjun ta' Kerala fl-Indja, din il-knisja hi r-rifuġju ta' eluf ta' pellegrini mid-dinja kollha li jfittxu l-interċessjoni ta' San Ġorġ. Il-knisja tal-lum ġiet ikkonsagrata xi erba' mitt sena ilu mill-Metropolitan tal-Knisja Malankara Ortodossa, Mar Dianasiyous. Jingħad li din il-knisja hi monumentali għax tfakkar x'uħud mill-aqwa *Pallis* li ġew ikkonsagrati minn San Tumas, l-Appostlu ta' l-Indja.

Din il-knisja hi magħrufa għall-interċessjoni tal-qaddis patrun San Ġorġ u ħafna huma dawk li jirrakkuntaw il-grazzji li qalgħu mingħand il-Mulej bl-interċessjoni qawwija ta' San Ġorġ. Fost il-fidili ta' l-inħawi hemm twemmin sod li *Sahada* (il-qaddis) iħares lil dawk li jersqu lejh mis-sriep, mill-mard, u minn kull xorta ta' perikli u nkwiet.

Il-*Puthuppally Perunnal* hi l-festa ta' kull sena tal-qaddis patrun San Ġorġ, li ssir fit-23 u l-24 taż-żmien *Medam Malayalam* li ġeneralment jiġi fis-7 u t-8 ta' Mejju tagħna. Ħafna persuni ta' diversi reliġjonijiet u minn pajjiżi oħra jieħdu sehem fil-festi li jsiru, u b'hekk din il-festa minbarra l-bixra reliġjuża tagħha hi wkoll eżempju ta' armonija soċjali fost in-nies ta' l-inħawi. Iċ-ċelebrazzjonijiet jibdew minn għaxart ijiem qabel bil-*Kodimaram Ideel* (it-tlugħ tal-bnadar) li fih jieħdu sehem imsieħba fir-reliġjonijiet kollha ta' l-inħawi, u b'hekk jispikka wkoll l-ispirtu ekumeniku ta' din il-festa. Il-vigarji jbierku l-arbli u l-membri tal-parroċċi jtellgħu l-bnadar. Matul l-għaxart ijiem ta' qabel il-festa ssir preparazzjoni spiritwali, b'laqgħat li fihom jieħdu sehem ukoll il-Metropolitani tal-Knisja Malankara.

Lejlet il-*Perunnal* issir iċ-ċelebrazzjoni *Virakideel*. L-injam li jinħaraq għat-tisjir jinġarr fil-knisja f'purċissjoni li fiha jieħdu sehem l-irġiel biss. Dan l-injam jintuża biex jissajjar l-ikel għall-*Vechoottu* ta' l-għada. Matul il-lejl tal-vġili ssir purċissjoni kkulurita, ir-*Rhasa*, purċissjoni devota fi spirtu ta' talb li titlaq lejn *Puthuppally Kavala*. In-nies li joqogħdu fuq kull naħa tat-triq jilqgħu din il-purċissjoni bin-*Nilavilkks* (lampi) u xemgħa mixgħula. Matul il-lejl id-devoti jibdew jaslu bi ħġarhom minn kullimkien, u filgħodu l-knisja u l-inħawi jkunu ffullati bihom. Iċ-ċelebrazzjoni ewlenija ta' jum il-festa ta' San Ġorġ, il-*Perunnal*, hi l-imqaddsa *Qurbana* (il-Quddiesa) mmexxija mill-Qdusija Tiegħu Catholicose, il-kap suprem tal-Knisja Malankara Ortodossa. Wara jsir il-*Vechoottu*, li fih id-devoti kollha ta' San Ġorġ li jkunu ħadu sehem fil-festa joqogħdu bilqiegħda f'ringieli u jingħataw l-ikel.

Iċ-ċelebrazzjonijet tal-*Perunnal* jintemmu fi spirtu devot u ta' ġabra. L-offerta ewlenija li ssir matul il-

*Ikompli f'paġna 8...*



# San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (2)

George Francis Vella – georgefrancis.vella@gmail.com

Ir-Rumani kellhom sehem ewlieni fin-nisġa tal-"bażilika". Kienu strumentali sabiex l-idea ta' "bażilika" tinħall darba għal dejjem mill-irbit ta' territorjalità provinċjali li l-ħsieb Grieg kien qed jgħakkisha bih. Għall-wens ta' l-ajkla Rumana l-"bażilika" kisbet dinjità ġdida: ma baqgħetx aġġettiv li tikkwalifika nom, iżda saret denominazzjoni li kompliet tkabbar l-ismijiet setgħana ta' Ruma; ma baqgħetx waħda minn tant swali tal-palazz irjali, iżda saret struttura indipendenti b'fiżjonomija distinta; ma baqgħetx iċ-ċentru ta' kumpless residenzjali, iżda saret il-qalba tal-ħajja pubblika tal-belt.



*Ix-xbieha ta' Kostantinu fuq munita ta' żmienu.*

Ġrajjet il-"bażilika", madankollu, ma tiqafx mar-Rumani. Huwa minnu li fi żmienhom, bis-saħħa ta' programm ta' espansjoni, il-"bażilika" laħqet il-quċċata ta' l-universalità tagħha. Biss kellha tkun il-Knisja ta' Kristu Ġesù li tagħmel minnha storja ta' ġieħ li ma tafx tmiem.

### Il-Kristjanizzazzjoni tal-bażilika Rumana

Sakemm ġiet magħduda "minn ta' ġewwa" fl-imperu Ruman ir-reliġjon Kristjana kellha ħafna drabi tixrob mill-kalċi tal-persekuzzjoni li b'mod ta' l-għaġeb swielha iktar ta' ġid milli ta' deni, għax kif jgħidilna l-kittieb Kristjan Tertulljanu (c. 160 c. 225) *"semen est sanguis Christianorum"*, "id-demm tal-martri huwa ż-żerriegħa ġtal-Knisjaħ" (*Apologeticum*, 50). Jibqgħu msemmija l-persekuzzjonijiet qalila li kien beda l-imperatur Neruni fis-sena 64, kif ukoll "il-persekuzzjoni l-kbira" mnedija mill-imperatur Djoklezjanu fit-23 ta' Frar tas-sena 303, xahrejn biss qabel il-martirju glorjuż ta' San Ġorġ.

Ma kellhomx jgħaddu ħafna snin minn din l-aħħar mewġa ta' vjolenza li x-xorti għall-Kristjani ma qabditx rotta għalkollox differenti. Fil-bidu tar-raba' seklu nfetaħ kapitlu ġdid f'ħajjet il-Kristjaniżmu. Kien wara r-rebħa impressjonanti illi għamel fuq l-għadu tiegħu Massenzju fis-sena 312 illi l-imperatur Kostantinu ta l-libertà reliġjuża lill-Kristjani. Anzi kif irrappurtat minn sorsi Kristjani, bħal Lattanzju u Ewsebju, is-suċċess tat-taqtigħa deċiżiva ta' Ponte Milvio kien dovut lil Alla tagħhom li deherlu f'ħolma fil-lejl ta' qabel. Għalhekk issa l-Kristjani għall-ewwel darba setgħu jagħtu qima lil Alla fil-miftuħ u mingħajr ebda xkiel ta' xejn. Aktar minn hekk l-istess Kostantinu fis-sena 313 kompla juri rieda tajba mal-membri tal-kleru billi eżentahom mill-ħlas tat-taxxi u offra wkoll il-flus sabiex jinbnew l-imqades Kristjani f'Ruma. Iż-żminijiet imwiegħra tal-persekuzzjoni issa kienu saru tifkira mqita ta' l-imgħoddi.



*Il-"bażilika" ta' San Elija, Tessaloniki.*

Issa li kellhom ir-riħ fil-qala' l-Kristjani kienu jinsabu fuq ix-xwiek ħalli jibdew iwettqu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom fil-pubbliku, u mhux iktar fil-moħba ta' l-għerien u tad-djar privati. Huma dlonk tawha għall-bini ta' knejjes imdaqqsa fejn setgħu jiċċelebraw l-Ewkaristija mqaddsa. F'dan ir-rigward ma setgħux ma jkunux influwenzati mill-istil arkitettoniku tar-Rumani, aktar u aktar meta tqis illi bosta minnhom kienu ċittadini Rumani. Mill-banda l-oħra lanqas setgħu jaddottaw għalkollox il-linji arkitettoniċi tat-tempji Rumani. U dan għal żewġ raġunijiet: l-ewwel minħabba r-rabtiet li kellhom mal-kult pagan; u t-tieni minħabba l-fatt illi dawn it-tempji pagani kienu maħsuba sabiex fihom jilqgħu biss ix-xbihat ta' l-allat foloz u t-teżor ta' l-istat. Il-qima tal-fidili kienet tingħata barra, quddiem it-tempju, bl-iskop li l-allat ikunu jistgħu jsegwu r-riti u s-sagrifiċċji tal-ħruq.



*Il-bażilika tan-Nativitá, Betlehem.*

F'dawn iċ-ċirkustanzi ħareġ ċar illi l-iktar forma arkitettonika li kienet tixraq għall-esiġenzi tal-Kristjani kienet il-"bażilika". Dan it-tip ta' bini nfirex mhux biss fl-Ewropa oċċidentali iżda wkoll fil-Greċja, fis-Sirja, fl-Eġittu u fil-Palestina. Eżempji bikrin ta' mqades imfassla fuq il-mudell tal-bażilika Rumana huma l-knisja ta' San Elija f'Tessaloniki (tas-seklu ħamsa), il-knisja tat-Twelid ta' Ġesù f'Betlehem (tas-seklu sitta), u ż-żewġ bażiliċi l-kbar ta' Ravenna.

L-ewwel bażiliċi Kristjani li kellhom il-kappelluni laterali ġew mibnija b'ordni ta' l-imperatur Kostantinu, kemm f'Ruma u kemm f'Kostantinopli. Filfatt San Girgor Nazjanzenu (329 c. 390), waqt li jfisser il-

knisja "Kostantinjana" ta' l-Appostli, jagħmel għall-ewwel darba osservazzjoni fuq ix-xebh tagħha mas-Salib imqaddes. Minħabba li f'dawk iż-żminijiet il-qima lejn is-Salib kienet qed tinfirex ġmielha, il-forom arkitettoniċi Rumani li kienu prevalenti fil-qasam tal-bini pubbliku bdew jiġu meqjusa minn perspettiva differenti għax magħhom issa kien beda jkun assoċjat simboliżmu qawwi li kellu rilevanza sinifikanti għall-Kristjani.



*Il-bieb ewlieni tal-bażilika ta' San Nikola, Tolentino, li fuqu tidher ix-xbieha ta' San Ġorġ.*



*Il-bażilika ta' fuq ta' San Franġisk, Assisi.*

## Il-bażilika tal-Knisja Rumana

Fid-9 ta' Novembru 1989 ġie ffirmat id-digriet *Domus ecclesiæ* li permezz tiegħu ġew imwettqa xi emendi żgħar fil-liġi kanonika li tirregola l-għoti tal-ġieħ tal-bażilika. Il-passi l-kbar f'dan il-kamp kienu diġà saru fl-1968 bis-saħħa ta' dokument ieħor li jġib l-isem ta' *Domus Dei*. Il-ħsieb dakinhar kien li l-"bażilika" tiġi aġġornata skond l-aħħar riformi liturġiċi tal-Konċilju Vatikan II ħalli tkun tista' tabilħaqq titqies bħala ċentru speċjali ta' ħidma pastorali u servizz liturġiku li tagħti xhieda qawwija tar-rabta tagħha mas-Santa Sede u l-Qdusija Tiegħu l-Papa. Fit-tieni każ, jiġifieri fl-1989, ġew indirizzati b'mod estensiv il-formulazzjoni tat-talba formali għall-għoti tat-titlu ta' bażilika minuri, u d-drittijiet u l-obbligi marbuta ma' tali konċessjoni.



*Il-Porta Santa ta' l-arċibażilika ta' San Ġwann Lateran.*

Hawnhekk wieħed jista' jilmaħ elementi ġodda fil-ħajja bimillenarja tal-"bażilika". L-ewwel u qabelkollox seħħ żvilupp importanti fil-personalità tagħha. Fejn fl-ewwel żminijiet tal-Knisja l-bażilika Kristjana kienet saret il-wiċċ ġdid ta' dik Rumana, mis-sena 1783 l-istess natura tagħha nbidlet f'ħolqien ġdid. L-identità tagħha saret waħda statutorja, konformi ma' linji-gwida li ma kellhomx preċedent. Permezz ta' din il-proċedura kien meħtieġ li ssir talba uffiċjali għall-konferiment ta' l-isem u digriet maħruġ mill-ogħla awtoritajiet ekkleżjastiċi. Kienet il-knisja ta' San Nikola fil-belt ta' Tolentino, fl-Italja, illi fetħet it-triq għal imqades oħra li sussegwentement ġew imweġġħa bl-unur "ġdid" ta' bażilika. B'dan il-mod mhux talli ma baqgħetx esklussività tal-belt ta' Ruma, talli saret patrimonju tal-Knisja universali.

Fid-dawl ta' dan kollu ġiet ukoll stabbilita terminoloġija ġdida li tagħżel bażilika minn oħra u li tkun tikkorrispondi ma' l-importanza li dawn il-knejjes ikunu jgawdu fi ħdan il-Knisja. Il-bażiliċi kollha, barra xi wħud, huma "minuri". Dan huwa l-appellattiv uffiċjali li bih jiġu distinti mill-erba' bażiliċi "maġġuri" li jinsabu ġewwa l-belt ta' Ruma: San Giovanni in Laterano, San Pietro in Vaticano, San Paolo fuori le mura, u Santa Maria Maggiore.

Waħda mill-karatteristiċi li jpoġġu lil dawn il-knejjes ewlenin fi klassi għalihom hija l-famuża *Porta Santa*. Kull waħda minnhom għandha "l-bieb imqaddes" tagħha li jinfetaħ kemm-il darba tiġi mfakkra s-Sena Mqaddsa. Miegħu hemm marbut ukoll ir-rebħ ta' l-indulġenzi plenarji. Sa ftit tas-snin ilu, flimkien mal-bażilika minuri ta' San Lorenzo fuori le mura, dawn il-bażiliċi maġġuri kienu jissejħu wkoll "patrijarkali", frott ir-rabta tagħhom mal-ħames patrijarkati "tradizzjonali" tal-Knisja, jiġifieri Ruma, Kostantinopli, Lixandra, Antjokja u Ġerusalemm rispettivament. Iżda mindu l-Papa preżenti, Benedittu XVI, għażel li ma jibqax iġib it-titlu ta' "Patrijarka tal-Punent" dawn il-knejjes bdew jiġu identifikati minflok bħala bażiliċi "papali".



*Deħra minn fuq tal-bażilika patrijarkali ta' San Mark, Venezja.*

Fost il-bażiliċi minuri hemm dawk meqjusa "pontifiċji", bħall-knisja tal-Madonna tar-Rużarju f'Pompej, il-knisja ta' San Nikola f'Bari, il-knisja ta' Sant'Antnin f'Padova u l-knisja tal-Madonna f'Loretu, kollha kemm huma l-Italja. Dawn l-imqades prestiġjużi, barra li huma ċentri magħrufa ta' devozzjoni u pellegrinaġġi fost il-Kristjani, jaqgħu direttament taħt il-ġurisdizzjoni tas-Santa Sede. Mill-banda l-oħra l-bażiliċi ta' San Franġisk f'Assisi u ta' Santa Maria degli angeli tal-Porzjunkola, flimkien mal-katidral ta' Venezja ddedikat lil San Mark l-evanġelista, huma mlaqqma "patrijarkali". Fit-tnejn ta' Assisi jinsab it-tron u l-altar papali li fuqu ħadd ma jista' jqaddes jekk mhux bil-permess speċjali tal-Papa, filwaqt li l-arċisqof ta' Venezja jgawdi t-titlu ta' patrijarka.

...jaqbad minn paġna 5.

*Perunnal* hi dik tat-tjur, imsejħa *Kozhi Nercha*. Matul il-jiem tal-festa l-gvern jiddikjara l-inħawi kollha bħala mkien ta' festa. Ikun hemm servizzi ta' trasport speċjali lejn il-post għall-kumdità ta' l-eluf li jiffullaw fil-knisja u fl-inħawi ta' din il-festa tal-qaddis patrun San Ġorġ. F'reġistru li hemm apposta fil-*Puthuppally* wieħed jista' jaqra għadd kbir ħafna ta' talbiet li jsiru lil San Ġorġ biex jinqalgħu grazzji diversi mid-devoti tiegħu.

**It-Turkija**

Il-gżira Torka ta' Buyukada fil-Baħar Marmara, li jiġi bejn il-Baħar l-Iswed u l-Mediterran, hi xi żewġ mili u nofs twila. Fuq l-għolja Yuce Tepe hemm il-monasteru ta' San Ġorġ Koudonas. Ħafna mill-viżitaturi jagħżlu li jaslu sal-monasteru fuq xi ħmar biex ikunu waslu hemm fi stil awtentiku ta' pellegrinaġġ.

Id-devoti ta' San Ġorġ ilhom jaqsmu għal din il-gżira u jitilgħu jqimu lil San Ġorġ fil-monasteru ddedikat lilu sa minn aktar minn elf sena ilu. Dawk li jitilgħu hemm ħafjin jistgħu jagħmlu xi xewqa speċjali matul il-mixja tagħhom u jfissruha billi jdendlu mas-siġar tal-ġnub żigarelli bojod u ħomor u biċċiet tal-karti b'talbiet miktubin fuqhom. F'dawn l-aħħar sentejn l-awtoritajiet ċivili ppruvaw jikkontrollaw il-ħmieġ li jħallu warajhom dawn il-viżitaturi bil-ħafna żigarelli u karti li jħallu warajhom, billi appellaw biex dawn jinqatgħu u San Ġorġ xorta jisma' lid-devoti tiegħu. Imma s'issa jidher li ma rnexxilhomx!

Fil-monasteru ta' Buyukada jsiru offerti ta' kollox, mhux biss mill-Griegi Ortosossi imma wkoll minn dawk ta' denominazzjonijiet reliġjużi diversi li bi ħġarhom iżuru dan il-post l-aktar fil-jiem qrib jum San Ġorġ, fit-23 ta' April u fis-6 ta' Mejju. Ħafna minnhom iħallu warajhom fil-monasteru ġawhar, arloġġi ta' l-idejn li jiswew ħafna, ikoni tal-fidda u oġġetti oħra ta' siwi, bit-tama li San Ġorġ jinterċiedi għalihom fil-ħtiġijiet li jkollhom. L-ikona ta' San Ġorġ miqjuma fil-monasteru hi magħrufa għal kull xorta ta' fejqan, anki tat-tkeċċija ta' spirti ħżiena. Filfatt ma' wieħed mill-ħitan tal-kappella għad hemm imwaħħla ħafna ħoloq tal-ħadid li magħhom kienu jintrabtu dawk li x-xitan ma kienx jieħu gost jarahom f'dak il-post qaddis biex għat-talb ta' San Ġorġ jinħelsu minn taħt il-ħakma tiegħu. Nhar l-20 ta' Ottubru 2007 ir-*Rai Tre*, fil-programm *TGR Mediterraneo*, ippreżenta dokumentarju *Il Santo Universale* fuq dan il-monasteru.

Dawn il-ftit fatti minn naħat diversi tad-dinja juru kemm ċerta reliġjożità, mibnija fuq il-fidi u b'taħlita ta' popolarità għall-qadi ta' l-istess fidi, għadha sal-lum twieżen sewwa l-kult universali ta' San Ġorġ Martri. L-interċessjoni tiegħu hi mfittxija minn ġnus diversi, u dan kollu għandu jinkuraġixxi lilna lkoll, devoti ta' San Ġorġ, biex nagħtu aktar ħajja u aktar awtentiċità lill-kult tiegħu fostna.

***Ritratt fil-faċċata:* Joseph Cauchi, Il-Qaddis Gwerrier, Ikona (akrilik fuq l-injam), Kollezzjoni privata ta' Rev. Geoffrey G. Attard, Victoria, Għawdex, 2004.**

# Il-"Via Crucis"
## fi Pjazza San Ġorġ... mill-ġdid



Bħala parti mill-programm taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-parroċċa tagħna din is-sena reġgħet bdiet torganizza l-*Via Crucis* fil-beraħ, fi Pjazza San Ġorġ. Fi żmien l-arċipreturi ta' Mons. Emanuel Mercieca u Mons. Salv Borg din il-*Via Crucis* kienet tkun organizzata kull sena miż-żgħażagħ tal-parroċċa u fit-tnax-il stazzjon kienet issir quddiesa. Fl-aħħar snin din ħaditilha postha ċelebrazzjoni penitenzjali fil-knisja waqt li l-*Via Crucis* fil-beraħ bdiet issir waqt pellegrinaġġ bir-Redentur mill-knisja tal-Franġiskani Konventwali għall-bażilika. Imma din is-sena l-parroċċa reġgħet ħasbet li tibda mill-ġdid din id-drawwa sabiħa li dejjem kienet tiġbed ħafna nies lejha. Filfatt dan nistgħu nikkonfermawh mill-preżenza numeruża ta' membri tal-parroċċa li attendew għaliha.

Pjazza San Ġorġ kienet imħejjija apposta bil-fjakkli fuq il-bjut li jdawruha, waqt li fil-bieb il-kbir tal-bażilika, kif kien isir dejjem, inħarġet il-vara l-kbira ta' Ġesù Msallab, xogħol Pietru Pawl Azzopardi, li mbagħad ħarġet għall-purċissjoni fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan kompla ħoloq l-atmosfera perfetta għal din il-mixja ma' Ġesù fit-triq tas-salib. Il-*Via Crucis*, li tmexxiet mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, akkumpanjat mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, il-membri tal-kapitlu, is-seminaristi u l-abbatini, ġiet imħejjija b'test sabiħ ħafna ta' l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, li ġie moqri minn tmienja u għoxrin qarrejja differenti minn fost il-ġemgħa, bilqiegħda fuq is-siġġijiet li tqiegħdu apposta fil-pjazza. Tliet abbatini mxew ma' kull stazzjon b'salib u żewġ fanali, quddiem id-diversi slaleb tad-dawl imqassmin mal-pjazza.

Biex jgħinu fir-riflessjoni ntużaw ukoll xi filmati mill-film kolossali ta' Mel Gibson *The Passion of the Christ*, li ntwerew ma' kull stazzjon fuq żewġ skrins armati għall-okkażjoni fuq kull ġenb tal-faċċata tal-knisja, li għenu wkoll biex kulħadd seta' jieħu sehem bit-talb u l-kant. L-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-bażilika animat ukoll it-Triq tas-Salib bil-kant ta' ritornell u l-i*Stabat Mater* bejn kull stazzjon, kif ukoll xi innijiet liturġiċi oħra.

Lejn tmiem il-*Via Crucis* l-isqof Grech għamel ħsieb ċkejken li fih faħħar din l-inizjattiva sabiħa li żgur kienet ta' għajnuna biex il-poplu ta' Alla jidħol fl-ispirtu għażiż tal-Ġimgħa Mqaddsa. Qabel il-barka ta' l-aħħar, dawk preżenti fil-pjazza kienu mistiedna jagħmlu ġest ċkejken billi jtellgħu x-xemgħa ħamra li kellhom f'idejhom mill-bidu taċ-ċelebrazzjoni fuq it-taraġ tal-knisja, quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Msallab.

Din il-*Via Crucis* fil-beraħ ta' Pjazza San Ġorġ, nhar l-Erbgħa 19 ta' Marzu 2008, kienet appuntament partikulari u uniku fil-programm tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' din is-sena.

# "Ir-Ribell" jerġa' jittella'



Ħafna għadhom jiftakru s-suċċess li kellu l-mużikal *Ir-Ribell* imtella' mill-grupp taż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna *23four>>*, fit-teatru *Astra*, fir-Randan 2002. Din il-produzzjoni teatrali moderna fuq il-proċess li wassal lil Kristu sal-Kalvarju kienet intlaqgħet tajjeb ħafna, wara li ġiet maqluba għall-Malti mill-oriġinal Taljan, inkisbu d-drittijiet biex tittella', u ġiet irrekordjata b'ilħna ta' żgħażagħ u artisti oħra tagħna fl-istudjows dakinhar ġodda ta' *Leħen il-Belt Victoria*. Wara l-produzzjoni tagħha għall-ewwel darba bil-Malti fuq il-palk ta' *La Stella*, ir-rikording impekkabbli tagħha kien ħareġ għall-pubbliku fuq CD li nħataf fi ftit żmien, u kemm-il darba nstema' fuq stazzjonijiet lokali tar-radju. Wieħed mill-ideaturi tal-proġett *Ir-Ribell* kien is-seminarista tal-parroċċa Tonio Galea, illum saċerdot u minn Diċembru 2006 kappillan tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar. Dun Tonio mhux biss kien attiv sew fil-grupp taż-żgħażagħ f'dak iż-żmien, imma kien wieħed mill-fundaturi tiegħu bl-isem *23four*. Sal-lum il-ħidma pastorali tiegħu, anki bħala kappillan, tinvolvi ħafna ħin imqatta' b'dedikazzjoni ma' l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ.

Dun Tonio, li l-isqof fdalu wkoll il-*Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ*, forsi wkoll b'xi ftit nostalġija ta' dawk iż-żminijiet sbieħ li raw tittella' l-produzzjoni *Ir-Ribell* fi ħdan il-grupp dinamiku ta' żgħażagħ li kellu San Ġorġ, għal dan l-Għid għażel li jerġa' jtella' l-mużikal *Ir-Ribell* fil-parroċċa li llum hu ragħaj tagħha, sintendi fuq skala iżgħar. Madwar ħamsin ruħ bejn subien u bniet, adoloxxenti u żgħażagħ, mill-parroċċa tal-Munxar, taw mill-ġdid il-ħajja lil *Ir-Ribell* fiċ-ċentru parrokkjali tal-Munxar, f'żewġ rappreżentazzjonijiet li ttellgħu s-Sibt 29 u l-Ħadd 30 ta' Marzu 2008. Sintendi r-rappreżentazzjonijiet saru *playback* u allura r-rikording kien dak oriġinali li kien ħadem il-grupp *23four>>*. Imma l-bqija hu kollu mertu tal-preparazzjoni artistika u koreografika brillanti tal-kollaboraturi tal-kappillan Galea li ħadu ħsieb iħejju lil dawk li ħadu sehem. Wieħed jifhem li ma kienx faċli taħdem kummiedja mużikali ta' din ix-xorta, aktar u aktar fi żmien hekk qasir bħalma kellhom f'idejhom iż-żgħażagħ tal-Munxar. Imma r-riżultat kien produzzjoni sabiħa li tistħoqq it-tifħir ta' kulħadd u ma tagħmilx għajb lil ta' qabilha.

Xi membri mill-komunità parrokkjali tagħna, fosthom uħud li kienu ħadu sehem fl-2002, kienu preżenti fiċ-ċentru parrokkjali tal-Munxar għal *Ir-Ribell*. Grazzi, Dun Tonio, taċ-ċans li tajtna nerġgħu ngawdu *Ir-Ribell* bit-tifkiriet sbieħ li jerġa' jnissel f'ħafna minna. Min jaf, forsi għad nerġgħu narawh fuq il-palk ta' l-*Astra*!

# Enċiklika ġdida







It-tielet ittra enċiklika tal-papa Benedittu XVI mistennija toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin, bl-isem *Caritas in Veritate – Imħabba fil-Verità*. Din id-darba t-tema sa tkun waħda soċjali, fl-okkażjoni ta' l-erbgħin anniversarju tal-pubblikazzjoni tal-*Populorum progressio*, li kienet ħarġet f'Marzu 1968. Barra fl-ilsna tradizzjonalment prinċipali, dan id-dokument mistenni joħroġ ukoll bl-Għarbi u ċ-Ċiniż, u sa jkun maqsum f'żewġ partijiet: l-ewwel waħda tfakkar il-*Populorum progressio* ta' Pawlu VI u ċ-*Centesimus annus*, miktuba minn Ġwanni Pawlu II fl-1991; it-tieni parti mbagħad titkellem fuq il-kwistjonijiet il-kbar ta' żmienna: faqar, globalizzazzjoni, paċi, gwerer, diżarmament, kunflitti soċjali, ko-operazzjoni internazzjonali, sorsi ta' enerġija. L-ittra, pjuttost voluminuża, hi maqsuma f'erba' kapitli. B'din l-enċiklika soċjali l-Papa interrompa ċ-ċiklu ta' ittri ddedikati lill-virtujiet teologali. *Deus caritas est*, fuq l-imħabba, iffirmata fil-Milied 2005, kienet ħarġet f'Jannar 2006; waqt li *Spe salvi*, fuq it-tama, ħarġet fit-30 ta' Novembru 2007, fl-istess jum li ġiet iffirmata mill-Papa. Enċiklika hi ittra twila ffirmata mill-Papa bl-iskop li twassal tagħlim maġisterjali fid-dawl tal-ħtiġijiet tas-soċjetà kontemporanja.

# SAN ĠORĠ FL-ISTAMPA

Il-bażilika ta' San Ġorġ u l-arti tagħha spiss jidhru fuq l-istampa lokali kif ukoll dik internazzjonali. F'din il-ħarġa qed nurukom tliet pubblikazzjonijiet li riċentament ittrattaw arti f'San Ġorġ marbuta mal-festi ta' l-Għid. F'*Let's Gozo*, pubblikazzjoni bi promozzjoni fuq Għawdex maħruġa f'kollaborazzjoni ma' l-Awtorità Għawdxija għat-Turiżmu, deher artiklu fuq il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex, fejn fost l-oħrajn George Francis Vella jikkummenta fuq dik li toħroġ mill-bażilika ta' San Ġorġ. Ma' l-artiklu jidhru żewġ ritratti bil-kulur minn din il-purċissjoni. Il-ġurnal bl-Ingliż *The Malta Independent*, li joħroġ ta' kuljum, fl-edizzjoni ta' Sibt il-Għid għażel li jagħti prominenza lill-istess purċissjoni li kienet ħarġet minn San Ġorġ il-jum ta' qabel, fl-aħbarijiet li ta fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-gżejjer Maltin. Dan għamlu b'ritratt tal-Vara l-Kbira fuq quddiem, u tnejn oħra, ukoll bil-kulur, fit-tieni paġna. Fl-aħħarnett, il-pubblikazzjoni prestiġjuża *Treasures of Malta*, tal-*Fondazzjoni Patrimonju Malti*, ferm popolari mal-kollezzjonisti tal-*Melitensia*, fl-aħħar edizzjoni ta' l-Għid tefgħet fil-faċċata l-panew *Resurrection* mill-bieb tal-bronż tal-bażilika, disinn ta' l-artist John Grima.



*Let's Gozo*, no. 12




*The Malta Independent*, 22 March 2008




*Treasures of Malta*, no. 41 (Easter 2008)

## San Ġorġ fi ktieb ġdid bil-paneġierki ta' l-arċipriet Joe Zammit

Wieħed mill-paniġeristi magħrufa ta' gżiritna hu l-Kan. Dr Joe Zammit, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ li ilu għal bosta snin jaħdem fil-parroċċa tal-Qala, minn Frar 2005 bħala arċipriet. Dun Joe hu wkoll imħallef fit-tribunali ekkleżjastiċi f'Malta u Għawdex u għal żmien twil ħadem b'dedikazzjoni fil-qasam tal-formazzjoni vokazzjonali.

Fit-tradizzjoni reliġjuża Maltija l-istil paneġirkali dejjem kien apprezzat u mħaddem l-aktar fil-kuntest tal-festi reliġjużi ta' pajjiżna. Il-paneġierki normalment jintrabtu ma' jum il-festa, meta jissejjaħ predikatur apposta biex jinseġ kuruna ta' ġieħ lill-qaddis jew qaddisa patruni tal-knisja. Dawn il-priedki jkollhom ukoll l-iskop didattiku li jwassal għal applikazzjoni, fil-ħajja tal-Kristjan, tal-valuri li tkun ħaddmet f'ħajjitha jew b'mewtha l-persuna miqjuma għal qdusitha. Fihom Dun Joe "iwassal mhux biss tagħlim sabiħ u siewi, iżda jdomm ħsibijietu fi vrus li jpaxxu l-widna u jżommuk attent".




L-arċipriet Zammit hu mfittex għall-priedki proprju minħabba l-kapaċità tiegħu li jżewweġ dawn il-kwalitajiet fl-omeliji tiegħu, waqt li jżewwaq il-messaġġ bl-istil poetiku sabiħ li jispikka fil-metodu li juża. Fil-ktieb li għadu kemm ippubblika, li jġib l-isem *Ħarsa lejn il-Qaddisin fis-Sema*, b'daħla ta' l-isqof Nikol Ġ. Cauchi, insibu miġbura għażla ta' għaxar paneġierki li hu ġie kkummisjonat jagħmel f'bosta parroċċi ta' Malta u Għawdex fl-aħħar snin. Lilna jinteressana b'mod partikulari dak li għamel fil-festa ta' San Ġorġ, f'Lulju 2001, li m'għandniex dubju kemm ħareġ minn qalbu! Kopja ta' dan il-ktieb tinkiseb għall-prezz ta' €10 mingħand l-awtur innifsu jew mil-librara ewlenin.

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin. Sa ma din ir-rivista tasal f'idejkom tkunu drajtu mill-ġdid il-ħajja ta' l-iskola. Taru wkoll il-vaganzi ta' l-Għid, għaddiet il-festa tal-Lunzjata u tinsewx li f'April, fit-23, infakkru l-festa ta' San Ġorġ li bilmod tibda tħejjina għall-festa l-kbira li ta' kull sena nagħmlu fit-tielet ġimgħa ta' Lulju. Imma sa ma jasal dak iż-żmien sabiħ fadlilkom ftit x'taqdfu. Tridu tistinkaw qabel ma taslu għall-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Ħafna minnkom jgħaddu wkoll mill-esperjenza sabiħa ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof. Nawguralkom li dawn ikunu ġranet sbieħ li ma tinsewhom qatt!

Araw li ma tfallux bla bżonn il-lezzjonijiet tal-Katekiżmu u xi laqgħat oħra li jkollkom minn żmien għal żmien. Kemm hu importanti li wara li tirċievu l-Griżma ta' l-Isqof tibqgħu tmorru xi laqgħa darba fil-ġimgħa u mhux taqtgħu kollox. L-istudju importanti ħafna imma laqgħat ta' formazzjoni u tagħlim huma importanti ħafna wkoll. Oqogħdu attenti l-iskola biex tifhmu sew il-lezzjonijiet u ma jkollkomx bżonn toqogħdu tiġru għal-lezzjonijiet żejda tal-privat li jiswew flus bla bżonn lill-ġenituri tagħkom. Il-*pocket money* li jagħtukom il-ġenituri araw li tonfquhom bis-sens u ma tagħmlux ħażin jekk ta' kultant tixtru xi ktieb tajjeb ukoll. Il-qari huwa importanti ħafna fil-ħajja tagħkom. Li taqraw it-*textbooks* ta' l-iskola m'hux biżżejjed. Sibu ħin ukoll għall-quddiesa; u tqarbina mhux fil-*weekend* biss, tafux!

Agħmlu *timetable* tal-ġurnata biex ma tinfixlux u ma taħlux ħin. Sibu ħin għal kollox. Min hu bil-għaqal isib ħin għal kollox. Il-kompjuter illum sar għodda importanti f'idejkom. Fi żmieni lanqas konna noħolmu bih. Imma, għeżież tfal, din l-għodda tista' tkun ukoll ta' ħafna ħsara jekk tużawha ħażin. Idħlu biss fuq *sites* li minnhom tistgħu titgħallmu u toqogħdux taħlu ħafna ħin fiċ-*chatting* bla bżonn u bla sugu. Il-ħin itir bla ma tindunaw. Ħafna ħin quddiem il-kompjuter ma jagħmilx tajjeb għax tkunu qed tibilgħu ħafna raġġi bla ma tkunu tafu. Dawn m'humiex tajbin għas-saħħa tal-bniedem. Tgħidu: illum iz-Ziju kemm ġej bi priedki! Il-priedki tajbin għal min irid jismagħhom u jitla' student bil-għaqal. U biex ma ndejjaqkomx ss nieqaf hawn.

Inselli għalikom u nixtiqilkom kull ġid u saħħa!

*Iz-Ziju Joe*

---

# Qaddisin "Ġorġjani" (14)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu.*

**Antoine Vassallo** – *vasanti@waldonet.net.mt*

## San Ġorġ ta' Suelli

*(tifkira liturġika fit-23 ta' April)*

Iva, fl-istess jum tal-Patrun tagħna! Il-fatt li dan l-isqof miet fit-23 ta' April 1117 ħoloq problemi, fis-sens li fis-sekli ta' wara kien hemm min iddubita mill-eżistenza tiegħu u ħaseb li l-istorja tiegħu kienet tħawdet ma' tal-Megalomartri. Fl-aħħar, fil-bidu tas-seklu sbatax, sar studju fil-fond tad-dokumenti; din ir-riċerka ntbagħtet Ruma biex il-papa Pawlu V seta' jikkonferma darba għal dejjem il-kult ta' San Ġorġ ta' Suelli.

Suelli llum hu raħal (jew *comune*) ta' xi elf ruħ li jagħmel mill-belt kapitali tal-gżira Taljana ta' Sardinja – fejn twieled Ġorġ. Il-familja ma kinitx tat-tajjeb iżda għanja fil-fidi u fil-biża' ta' Alla. Sa mit-tfulija wera tjubija, flimkien ma' serjetà fl-istudji, tant li ta' 22 intgħażel isqof tad-djoċesi ġāra ta' Suelli. L-informazzjoni li waslitilna fuqu turih bħala ragħaj li kien jgħin lill-foqra; bħala saċerdot mogħti għat-talb u għas-sawm; bħala missjunarju jfittex bla serħan iktar nagħaġ għall-merħla. Jirrakkuntaw ukoll li għamel mirakli u għeġubijiet oħra: tawmaturgu.

Ġie midfun fil-katidral tiegħu u nafu li l-qima lejh tfaċċat ftit biss wara mewtu. Anzi xterdet ġmielha: għadu jeżisti uffizzju f'ġieħu u hemm diversi knejjes u kappelli ddedikati lilu mal-gżira kollha. Inżid li xi drabi nsibu liż-żewġ Ġorġijiet ma' xulxin! B'eżempju nsemmi lir-raħal qadim ta' Bitti (fil-provinċja ta' Nuoro) li għandu bħala patrun lil San Ġorġ martri (*Santu Jorgi*) – żviluppa madwar il-knisja tiegħu – iżda nsibu oħra għal San Ġorġ l-isqof (*Santu Jorgeddu 'e Dure*). Id-dar f'Cagliari fejn, skond it-tradizzjoni, twieled dan il-qaddis inbidlet fi knisja u l-mitra tiegħu għadha miqjuma f'dak il-katidral. Jitobuh b'mod partikulari fi żminijiet ta' għaks.



*Għalkemm il-patrun hu San Pietru, l-istemma ta' Suelli turi lill-isqof San Ġorġ.*

Għalkemm id-djoċesi ta' Suelli llum teżisti biss bħala sede titulari (*suellensis*) għal isqfijiet li ma jkunx ordinarji (ngħidu aħna, awżiljarji), fil-Medjuevu kienet importanti sew; dan anki peress li madwar il-qabar ta' dan l-isqof qaddis kienet tiltaqa' l-*corona de logu* – speċi ta' qorti magħmula minn mexxejja ċivili u reliġjużi biex jinqatgħu kwistjonijiet legali u soċjali. Bejn is-sena 1002 u l-1419 (meta ngħaqdet ma' ta' Cagliari) kellha 24 isqof tagħha. Fil-knisja parrokkjali preżenti (ddedikata lil San Pietru) insibu fdalijiet tal-katidral li juru kemm kellu lavur lussuż – prova li ma kinitx xi djoċesi bla importanza. Ninnotaw ukoll titular ta' ċertu livell impitter minn Pietro Cavaro u ibnu Michele, membri ta' familja ta' artisti fis-seklu sittax li kellhom għajta ġmielha anki lil hemm minn din il-gżira. Maġenbha hemm is-santwarju ta' San Ġorġ bil-qabar, u ma humiex ftit il-pellegrinaġġi. Il-ħidma pastorali f'din il-parroċċa tipprova timitah, b'enfasi fuq il-Vanġelu, ir-rabta mal-Knisja u s-solidarjetà mal-foqra.













**1.** Il-*Via Crucis*, immexxija mill-isqof Mons. Mario Grech, li ttellgħet fi Pjazza San Ġorġ nhar l-Erbgħa tat-Tniebri, u li għaliha nħarġet il-Vara l-Kbira fil-bieb tal-bażilika (19 Marzu 2008).
**2.** Mons. Pawlu Cardona, akkumpanjat minn Dun Ġużepp Gauci u Dun Ġwann Vella, juri s-Salib għall-adorazzjoni tal-fidili waqt il-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira (21 Marzu 2008).
**3.** Tifel iġorr simbolu quddiem l-istatwa ta' l-*Ecce Homo*, fi Triq it-Tiġrija, fil-purċissjoni ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira (21 Marzu 2008).
**4.** Fid-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, nhar Ħadd l-Għid filgħodu (23 Marzu 2008).

**Dalwaqt jibdew il-Ħamisijiet**

Ibda ħejji ruħek spiritwalment minn issa għall-festa tal-Patrun tagħna f'Lulju. Titlifx id-disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ! Quddiesa fis-6.00pm b'riflessjoni fuq il-qaddis.

**L-ewwel Ħamis sa jkun fil-15 ta' Mejju 2008.**

